



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Brussell, 30 ta' Awwissu 2018
(OR. en)**

2018/0357 B (COD)

PE-CONS 22/18

**FRONT 110
VISA 95
DAPIX 117
DATAPROTECT 69
COMIX 223
CODEC 628**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li
jemenda r-Regolament (UE) 2016/794 bl-għan li tiġi stabbilita Sistema
Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvjaġġar (ETIAS)**

REGOLAMENT (UE) 2018/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta'

li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794
bl-għan li tiġi stabbilita Sistema Ewropea ta' Informazzjoni
u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 88(2) tiegħu,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura legiſlattiva ordinarja¹,

¹ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Lulju 2018 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)] u deċiżjoni tal-Kunsill ta'

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2018/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁺ jalloka kompiti ġodda lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) bħall-ġestjoni tal-lista ta' sorveljanza tal-ETIAS, id-dħul ta' data relatata ma' reati terroristiċi jew reati kriminali serji oħra f'dik il-lista ta' sorveljanza u l-ġhoti ta' opinjonijiet b'segwitu għal talbiet għal konsultazzjoni mill-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS. Biex jiġu implimentati dawk il-kompiti, huwa għalhekk neċessarju li r-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² jiġi emendat kif meħtieġ.
- (2) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhuwiex marbut bih jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu.

¹ Regolament (UE) 2018/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L ..., p. ...).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fil-PE-CONS 21/18 (2016/0357 A) u kkompleta n-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti.

² Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).

- (3) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.
- (4) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Emendi għar-Regolament (UE) 2016/794

Ir-Regolament (UE) 2016/794 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 4(1) huwa emendat kif ġej:

(a) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(n) timmaniġġja l-lista ta' sorveljanza tal-ETIAS f'konformità mal-Artikoli 34 u 35 tar-Regolament (UE) 2018/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*+;

(o) iddaħħal data fil-lista ta' sorveljanza tal-ETIAS relatata ma' reati terroristiċi jew reati kriminali serji oħra miksuba mill-Europol, mingħajr preġudizzju għall-kondizzjonijiet li jirregolaw il-kooperazzjoni internazzjonali tal-Europol;

(p) tipprovdi opinjoni b'segwitu għal talba għal konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2018/...++.

* Regolament (UE) 2018/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L ..., p. ...).”;

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fil-PE-CONS 21/18 (2016/0357 A(COD)) u kkompleta n-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti.

++ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fil-PE-CONS 21/18 (2016/0357 A(COD)).

(b) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Sabiex iwettaq il-kompitu msemmi fil-punt (n) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol għandu, wara li jikkonsulta lill-KEPD, jadotta l-proċeduri msemmija fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/...++.”.

(2) L-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titlu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 21

Aċċess mill-Eurojust, l-OLAF u, għal finijiet tal-ETIAS biss, mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għal informazzjoni maħżuna mill-Europol”;

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Il-Europol għandha tiegħu l-miżuri xierqa kollha biex tippermetti li l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, fil-mandat tagħha u għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2018/...⁺, ikollha aċċess indirett abbażi ta' sistema ta' hit/no hit għad-data pprovduta għall-iskopijiet tal-punt (j) tal-Artikolu 20(2) ta' dak ir-Regolament, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe restrizzjoni indikata mill-Istat Membru, korp tal-Unjoni, pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali li tipprovdi l-informazzjoni inkwistjoni, f'konformità mal-Artikolu 19(2) ta' dan ir-Regolament.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fil-PE-CONS 21/18 (2016/0357 A(COD)).

F'każ ta' hit, il-Europol għandha tibda l-proċedura li biha l-informazzjoni li ġġenerat il-hit tkun tista' tiġi kondiviża, f'konformità mad-deċiżjoni tal-fornitur tal-informazzjoni lill-Europol, u esklużivament sal-punt li d-data li tiġġenera l-hit tkun meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta relatati mal-ETIAS.

Il-paragrafi minn 2 sa 7 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw skont dan. "

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikabbiltà

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika mid-data determinata mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 88 tar-Regolament (UE) 2018/...⁺.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament fil-PE-CONS 21/18 (2016/0357 A(COD)).